MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 341/2002/1

**William Cauchi**

**vs**

**Claire Falzon gia Cauchi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu f'Bahar ic-Caghak fid-19 ta' Gunju 1998;

Illi l-partijiet kienu nieqsa mid-diskrezzjoni necessarja biex jizzewgu u dan ghaliex kellhom difett ta' diskrezzjoni biex jifhmu l-obbligazzjonijiet u dmirijiet tal-hajja mizzewga u ghalhekk iz-zwieg hu null *ai termini* tal-**artiklu 19 (d) tal-kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Gunju 1998;

Bl-ispejjez; il-konvenuta ingunta ghas subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-25 ta' Settembru 2002 a fol 10 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi ghalkemm hemm lok li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi dikjarat null, dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-eccipjenti.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali tad-9 t'Ottubru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta' 40 kull wiehed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota tal-attur tal-14 ta' Novembru 2002 fejn peremezz taghha gie esebit l-affidavit tieghu stess minn fol 17 sa fol 29 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta tas-17 ta' Frar 2003 fejn prezentat l-affidavit taghha stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur fil-premessa tieghu isostni li l-kunsens tal-partijiet kien nieqes mid-diskrezzjoni necessarja biex jizzewweg, u ghalhekk l-istess attur qed jiccita l-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255**. Dan l-artiklu jghid hekk:-

*"**Art.19 (1):** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Infatti l-awtur ***Bersini*** **(Il Diritto Canonico Matrimoniale** [Torino, 1994]) jispjega li:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario.*

*Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita' li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cjoe' li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich*, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** [Montreal,1993],p.686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-**Bersini**, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich*, P.J.,** op. Cit., p. 687).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet verament kellhom difett ta' deskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet fuq il-hajja mizzewga, tant li mill-provi attrici lanqas jirrizulta car *da parte* tal-attur ghaliex verament ghazel li jaghmel dan il-pass mal-konvenuta, anzi jidher li ma kellu lanqas ebda emozzjoni ta' mhabba ghall-attrici, u skond huwa kien izzewwigha ghaliex ma riedtx li jiddizappuntaha billi jghidilha li ma kien ihoss xejn ghaliha.

Ili dan juri sens ta' mmaturita' kbira, ghaliex jidher li l-attur zamm lura ghal kollox dak li kien qed ihoss ghas-semplici raguni, li tajjeb jew hazin huwa kien sab ruhu komdu f'din ir-relazzjoni, w allura l-pass naturali kien li jizzewweg, kif fil-fatt ghamel lill-konvenuta; dan il-pass fuq kollox l-istess partijiet ghamluh b'certu celerita` tant li dahlu f'hafna spejjez f'daqqa u din kompliet hawdet is-sitwazzjoni.

Illi ovvjament dan wassal ghall-problemi serji waqt ir-relazzjoni mizzewga bejn il-partijiet tant li iktar ma ghadda z-zmien aktar il-partijiet inqatghu minn xulxin, u bdew anke jiddejqu fil-presenza ta' xulxim, tant li l-affidavits rispettivi taghhom ma huma xejn hlief kritika kontinwa fuq l-allegati difetti ta' parti jew ohra, w anke tal-familjari rispettivi tas-sieheb jew siehba taghhom. Jidher ukoll li l-wild li kellhom lanqas wassal sabiex din id-divergenza

kbira li kien hemm bejniethom twassalhom lejn xulxin, anzi ghall-kuntrarju jirrizulta li iktar inqatghu minn xulxin.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-attur wasal ghal dan iz-zwieg mhux ghaliex kien b’xi mod ihobb lill-attrici, anzi jidher li kellu dubji kbar fuq il-pass li kien ser jiehu, u dawn id-dubbji komplew sal-mument taz-zwieg, u inkixfu waqt ir-relazzjoni tieghu mizzewga mal-konvenuta, u mal-ewwel okkazzjoni li jahrab mill-istess anke bl-ghajnuna ta’ attenzjoni ta’ terza persuna, huwa mill-ewwel ceda. Illi huwa veru li l-mument kritiku ghall-kawzi ta’ nullita` huwa dak fejn jinghata l-kunsens taz-zwieg, pero` dak li jigri wara tali ghoti ta’ kunsens hafna drabi jirrifletti l-istat ta’ animu ta’ kif parti jew ohra tkun dahlet ghaz-zwieg, u dan il-kaz huwa proprju hekk, ghaliex id-dubji li kellu l-attur qabel iz-zwieg ikkonfermaw ruhhom wara z-zwieg, u jidher li l-partijiet ma kellhom xejn komuni bejniethom hlief li kienu qabel iz-zwieg jghidu l-problemi taghhom lil xuxlin.

Illi dan fih innifsu ma huwiex hazin, pero` certament li din ma hijiex raguni valida sabiex abbazi t’hekk wiehed jew wahda jiehdu l-pass ta’ zwieg, ghaliex li tghix f’hajja komunali u li taqsam il-hajja tieghek ma ta haddiehor b’mod li jsiru haga wahda timporta hafna u hafna iktar minnhekk, anke fil-kuntest ta’ indissolubilita’ taz-zwieg; illi huwa proprju ghalhekk li l-kunsens ta’ parti ghaz-zwieg huwa kkunsidrat bhala specjali, *stante* li dan irid ikun intiz u moghti konxjentozament ghall-fatt li dan jinkorpora *commitment* ghall kumplament tal-hajja ta’ dak li jkun, bl-obbligi kollha li l-istess rabta ggib maghha.

Illi certament li l-attur ma kellux din id-diskrizzjoni necessarja f’dak il-mument partikolari sabiex jidhol fiz-zwieg mal-konvenuta, pero` mix-xhieda tal-konvenuta, jista’ wkoll jinghad l-istess, *stante* li hija wkoll dahlet f’din ir-relazzjoni ghal kollox b’ghajnejha maghluqa, u ghaliex sabitha komda li tghid il-problemi taghha lill-attur, ghalkemm jidher li hija kellha wkoll il-problemi taghha, li konvenjentement ghaliha ma tantx tat importanza ghalihom fl-affidavit taghha. Sostniet li thassret lill-attur, kif *di piu’* min-naha tieghu l-attur kien qal li thassar lill-konvenuta, pero` l-att ta’ zwieg ma huwiex att ta’ karita’ kif

gie mpingi mill-partijiet f'din il-kawza, izda hafna iktar minn hekk.

Illi ghalhekk jidher car li l-partjiet f'dan il-kaz lanqas biss fehmu qabel iz-zwieg ghal x'hiex kienu dehlin u l-komportament taghhom juri proprju dan in-nuqqas totali taghhom li jifhmu l-kuncett baziku ta' din ir-rabta, suppost mibni fuq l-imhabba li wiehed ihoss lejn il-parti l-ohra, li jwassal lill-konjugi sabiex jaghtu l-hajja taghhom lil xulxin u ghal xulxin u ghall-familja taghhom, u dan minkejja l-problemi tal-hajja u d-diffikultajiet li koppja jew parti minnha tista' tohloq lill-ohra, ghaliex din hija rabta li timmira ghal dak li huwa idiliku f'relazzjoni, izda li xorta wahda hija maghaguna u msawwra fil-hajja proprju taghhom flimkien, bid-difetti kollha li jkun hemm go fiha, proprju ghaliex kull parti hija umana u bniedem jew bniedma.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta nkwantu l-istess tikkontrasta ma dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Gunju 1998 u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn l-istess partijiet.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**